NEWSPAPER POST



# Il-Belt Victoria

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Settembru - Diċembru 2002* *Nru 128/129*



## Messaġġ minn Monsinjur Ġużeppi Farrugia

Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ

# *Deħlin lejn Żmien Sabiħ...*

Jagħmlu sabiħ il-Milied bit-tifkiriet, bl-emozzjonijiet, bl-ilwien u bil-movimenti soċjali tiegħu. Hu żmien sabiħ għall-bnedmin kollha li jiċċelebrawh, imma l-aktar għalina l-Insara li żammejna lil Ġesù fiċ-ċentru taċ-ċelebrazzjonijiet tiegħu. Il-Milied hu żmien sabiħ ħafna, anki għax fih inħossu b'sura aktar sentimentali l-preżenza ta' Ġesù fostna fix-xbiha ta' tarbija ħelwa tat-twelid.

M'hemm xejn ħażin fl-emozzjonijiet tas-sentiment. Iżda żgur li weħidhom mhumiex biżżejjed biex bihom nilqgħu r-realta' tal-grazzja ta' Kristu. L-emozzjonijiet sentimentali jiġu u jmorru, imma r-realta' tal-grazzja tibqa' fostna.

Barra minn hekk, il-fatt li l-ferħ sentimentali jista' jikkoeżisti mad-dnub juri li dan m'hux ferħ adegwat għall-bniedem. Il-ferħ tagħna l-Insara għandu jkun ferħ spiritwali. Dan ma jikkoeżistix mad-dnub. Biex ikollna ferħ spiritwali neħtieġu l-grazzja fina. Il-grazzja niksbuha meta nfittxu l-konverżjoni tal-qalb, meta nfittxu li nikbru bl-ubbidjenza tal-Vanġelu u meta nfittxu li nikbru fl-imħabba lejn Ġesù, dik l-imħabba li tirrifletti fl-imħabba ta' bejnietna.

### Resqin lejn Żmien mill-Isbaħ...

Tagħtihulna s-sena ċentenarja Ġorġjana. Għax is-sena 2003 hija s-sena li fiha niċċelebraw l-1700 sena mill-martirju glorjuż ta' San Ġorġ, il-Patrun tal-Belt Victoria u l-Protettur tagħna l-Għawdxin.

Is-sena 2003, għalhekk, hija tabilħaqq sena sinifikattiva. U aħna li nifformaw il-Komunita' Nisranija ta' San Ġorġ fil-Belt Victoria se nagħmlu ħilitna biex ngħixu l-misteru ta' ferħ tagħha. Huwa l-ferħ spiritwali li San Ġorġ mis-sema jistedinna għalih u joffrihulna.

San Ġorġ isejħilna biex niftakru fil-martirju tiegħu, jiġifieri fix-xhieda glorjuża li fis-sena 303 wara Kristu kien ta għal Kristu, u joffrilna l-ferħ ta' din ix-xhieda.

San Ġorġ jistedinna wkoll biex niftakru fil-fiduċja li missirijietna, jiġifieri l-Għawdxin tal-qedem, kellhom fl-interċessjoni u fil-protezzjoni tiegħu, u mill-ġdid joffrilna l-faraġ tal-protezzjoni tiegħu. Dan il-faraġ joffrih l-aktar lil dawk li qed jgħixu żmien ta' diffikulta' u tbatija.

San Ġorġ isejħilna u jistedinna niskopru mill-ġdid it-tagħlim li joffrilna l-misteru tiegħu, misteru ta' entużjażmu Nisrani, ta' lealta' soda lejn il-Knisja, ta' mħabba tal-ġenn lejn Ġesù Kristu. Dan it-tagħlim, li San Ġorġ jagħtih mhux bil-kliem imma bix-xhieda ta' ħajtu, għadu jgħodd għalina li qed ngħixu 1700 warajh, u se jibqa' relevanti dejjem.

Fl-ewwel jiem tas-sena l-ġdida inħabbru l-programm li l-Parroċċa se tippoponi biex niċċelebraw kif jixraq din it-tifkira ċentenarja tat-twelid glorjuż ta' San Ġorġ għas-sema. J'Alla ma nitilfux il-"kairos", jiġifieri l-grazzja ta' din il-ġrajja, ġrajja li tista' tgħanina b'ġid kbir tar-ruħ.

### Nilqgħu l-Grazzja ta' Kristu

*Christus heri, hodie et semper...* Kristu l-bieraħ, illum u dejjem:... Din kienet l-għajta tagħna l-Insara fil-bidu tat-tielet millennju Nisrani. Din għandha tibqa' l-għajta tagħna matul is-snin kollha tiegħu.

Din hi x-xhieda li għandna nagħtu fil-jiem tal-Milied li deħlin fihom.

Din hi wkoll ix-xhieda tal-verita' ta' Kristu li għandna nagħtu fiż-żmien li resqin lejh taċ-ċentenarju Ġorġjan.

San Ġorġ, li aħna nħossuh tant ħaj fostna, jissuġġerilna nħarsu lejh

*ikompli f'paġna 3*

## IL-MILIED IT-TAJJEB U SENA GDIDA TA' RISQ U BARKA LIL KULHADD

# IL-BELT VICTORIA

*Rivista ta' kull Xahrejn*

*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
E-mail: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


### MEMBRI ĠODDA FIL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

20.07.02: CHRISTIAN, iben Louis Sciberras u Antonella nee' Attard
20.07.02: JEAN, iben Victor Camilleri u Miriam nee' Attard
26.07.02: JURGEN JHON, iben Francis Portelli u Rita nee' Spiteri
25.08.02: LEAH, bint Simon Said u Charlotte nee' Grech
05.09.02: KATHRYN: bint John Mizzi u Sonia nee' Muscat
22.09.02: Angela, bint Anton Gatt u Marvic nee' Refalo
27.09.02: MATTHIAS, iben Michael Refalo u Claudine nee' Mercieca
28.09.02: JOHN, iben Anthony Ellis u Anna nee' Cremona
06.10.02: TINA, bint Milisav Bogdanovic u Bogmira nee' Moraviz
09.11.02: MATTHEW JOHN, iben Simon Grech u Terrie nee' Sacco
19.11.02: CHLOE, bint George Cauchi u Yvonne nee' Micallef
07.12.02: MARSTELL, iben George Portelli u Frances nee' Galea
13.12.02; JONATHAN, iben Paul Portelli u Margot neé Psaila

### INGHAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

13.07.02: Joseph Xerri u Felicienne Mercieca
13.07.02: Joseph Vella u Loranne Farrugia
27.07.02: Elvin Lawrence Gatt u Julie Gatt Attard
01.08.02: Jhon Anthony Zammit u Georgia Sacco
04.08.02: Peter Bonello u Rosanne Pace
30.08.02: John-Mark Vella u Marija Grech
31.08.02: John-Savio Portelli u Pamela Aquilina
07.09.02: Andrew Vella u Diane Therese Attard
05.10.02: George Vella u Silvana Cordina
14.12.02: Philip Fenech u Tina Bogdanovic

### MARRU JINGHAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

29.06.02: Louis Vella
16.07.02: Carmena Vella
21.07.02: Giorgia Sacco
24.08.02: Carmelo Said
23.09.02: Antonia Bajada
28.09.02: Ganni Scerri
06.10.02: Michael Cremona
09.10.02: Maria Dolora Farrugia
11.10.02: Vincent Azzopardi
16.10.02: Maria Carmena Scicluna
05.11.02: Gorgia Tabone

### *Donazzjonijiet għar-Rivista*

*Grazzi*

| | |
|---|---|
| Xerri George, Canada | Lm5 |
| Guzeppi Pace, Hamrun | Lm10 |
| John Borg, Canada | 40 Can.$ |
| Frank Spiteri, U.S.A. | Lm20 |

## *Editorjal*

# IL-MILIED

Il-festa tal-Milied tinsab magħna. Min jaf kemm ilna nżejnu djarna biex niċċelebraw din il-festa kif jixraq. Però illum tinduna li dponnu dan iż-żmien qed ikun kummerċjalizzat iżżejjed. Sa minn qabel jibda l-Avvent, iż-żmien ta' tħejjija spiritwali li kull Nisrani għandu jagħmel, sar żmien ta' bumbardament ta' reklami għal rigali, divertiment, ikliet, tiżjin u mitt ħaġa oħra. Baqa' biss ftit ġranet biex niċċelebraw il-festa tal-Milied u tajjeb li mqar f'dawn il-ftit ġranet li fadal nidħlu ftit fina nnufsna u naraw jekk aħniex ipprparati tassew biex nilqgħu lil Ġesù fostna.

Madwar id-dinja kollha dan iż-żmien iġib miegħu waqfa qasira biex nagħmlu ħilitna ħalli mqar għal ftit ġranet ingawdu dik il-paċi li ħabbru l-anġli lill-bnedmin ta' rieda tajba. Aħna l-Maltin u l-Għawdxin, sena wara l-oħra qed inkunu ġenerużi fl-appelli kontinwi biex ngħinu lil min hu fil-bżonn. Nibża' però li fil-waqt li nkunu qed ngħinu f'dawn il-kampanji li jsiru, ninsew lil dawk ta' ma' ġembna, lill-ġirien tagħna, lill-ħbiebna, lill-qrabatna li forsi huma wkoll għandhom bżonn f'dan iż-żmien tas-sena kelma ta' kuraġġ, iktar minn flus, kelma ta' inkoraġġiment iktar minn donazzjoni, kelma ta' konsolazzjoni, iktar minn xi rigal, kelma ta' faraġ, iktar minn kaxxa ċikkulatini. Huwa ta' min jaħseb sew f'dan kollu u ma' ninsewx lil min jgħix madwarna li għandu bżonn l-għajuna tagħna biex dan il-Milied ikun għalih ukoll żmien ta' faraġ u paċI kif nixtiequ lil kulħadd.

Bħala Komunita' Parrokkjali ejjew ilkoll flimkien ningħaqdu f'dan l-ispirtu ta' solidarjetà bejninietna. Ejjew kollha kemm aħna nieħdu sehem attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-Bażilika tagħna. Ejjew kollha kemm aħna nkomplu nuru l-appoġġ tagħna lejn dawk il-proġetti ta' fejda li qed jitħejjew għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin u li żgur ser jibbenifkaw minnhom, mhux aħna biss, imma wkoll dawk ta' warajna.

Dan huwa l-awgurju tagħna għall-Milied tas-sena 2002 li ser jiftaħ il-bieb għaċ-ċelebrazzjonijiet taċ-Ċentinarju Ġorġjan tas-sena 2003 li żgur li ser ikun mezz biex il-Komunità tagħna tissaħħaħ fit-twemmin nisrani tagħha u fil-qima dejjem li dejjem tat lill-Patrun tagħna San Ġorġ.

**IL-FESTI T-TAJBA LILL-QARREJJA KOLLHA**

# Ittra lil Ġesù Bambin




## "IL-MILIED jibda – mill-Għada"

Għażiż Ġesù Bambin,

Nixtieq nagħtik rigal u ngħamillek wegħda, mhux għall-Milied, iżda għall-għada tal-Milied.

Fil-Milied hawn ħafna li jsiru bravi, ġenerużi, imħeġġin għall-Mlied biss, iqerru u jitqarrbnu għall-Milied biss. Imma s'hawn jaslu. Sal-Milied biss.

Mulej ma inhix fi ħsiebi nagħmilha ta' "tajjeb" għall-Milied biss, nirtokkja lili nnifsi bi ftit verniċ "spiritwali" għall-Milied biss, imbagħad x'ħin jisbaħ l-għada, kollox jisfuma fix-xejn u nerġgħu għal li konna qabel, ġellidin, egoisti, berdin, indifferenti bħal qabel.

Inwegħdek li ser nieħu l-Milied bis-serjeta' mill-għada. Ma rridx nidher sabiħ fil-Milied biss, iżda fil-ġranet kollha tas-sena. Ma ridx nidher fl-aħjar tiegħI fil-Milied biss, iżda fil-jiem kollha tas-sena.

Il-Milied mhux "jum il-wasla", iżda "jum it-tluq". Mhux kollox jispiċċa fil-Milied, iżda kollox jibda mill-Milied. Il-Milied irid jagħtina spinta 'l quddiem.

Irrid nagħmel bħar-rgħajja ta' Bethlem u bħal Maġi. Dawn mhux ġew biss, stagħġbu ħafna u l-għada "addio" kollox. Le! Ir-rgħajja u l-Maġi marru lura "jfaħħru lil Alla".

Kulħadd jittendi kif iċċelebrajna l-Milied min kif nisbħu l-għada. X'ħin tispiċċa l-festa rridu nibdew ngħixu l-Milied. Il-festa tal-Milied hija ġurnata waħda. iżda l-ispirtu tal-Milied irridu ngħixuh is-sena kollha.

X'ħin jispiċċa l-Milied ma jkunx għadda kollox. Ikun għadu ser jibda. Għax il-Milied jibda mill-għada stess. Għallhekk il-Milied ma jgħaddi qatt.

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

### *Deħlin lejn Żmien Sabiħ...*

ħalli nitgħallmu minnu kif għandna nixhdu għal din il-verità. Hu l-*martyr Christi*... il-"martri", jiġifieri x-"xhud" ta' Kristu, li ta x-xhieda tiegħu sa biċ-ċarċir ta' demmu.

Fix-xhur li ġejjin se jkollna ħafna tagħlim dwar dan.

Għalhekk, f'dan iż-żmien tal-Milied, u speċjalment matul ix-xhur ċentenarji, ejjew nersqu lejn San Ġorġ u nidħlu fil-misteru tiegħu ħalli b'hekk nidħlu aktar profondament fil-misteru ta' Kristu. San Ġorġ jiftaħ qalbu għalina u jurina l-misteru tiegħu li hu misteru ta' ferħ veru.

B'hekk mhux biss induqu xi ftit mill-ferħ tal-ġenna imma nitgħallmu nixtiquh... il-ferħ ta' l-isbaħ żmien li Alla l-Imbierek ħejja għalina... fil-ġenna.

*Mons. Ġużeppi Farrugia*

### Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi għal Żmien il-Milied

Dan tqassam mal-Bullettin tal-Ħadd jew jista' jiġI akkwistat mis-Sagristija tal-Bażilika. Segwuh bir-reqqa u apprezzaw il-ħidma li qed issir għas-servizz spiritwali tagħkom.

### Stedina għall-Funzjonijiet tal-Milied

Nistednukom għaċ-Ċelebrazzjonijiet kollha li se jsiru fil-Bażilika ta' San Ġorġ f'dawn il-festi tal-Milied, b'mod partikolari għall-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied (11.30 p.m.), għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali ta' Nhar il-Milied (11.00 a.m.), ta' l-Aħħar tas-Sena (5.00 p.m.) u ta' l-Ewwel tas-Sena (11.00 a.m.) u għall-Konċelebrazzjoni Solenni ta' l-Epifanija (11.00 a.m.).

### Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni

Nistednukom biex f'dawn il-festi tagħmlu Qrara tajba u ma tħallux għall-aħħar jew għal waqt il-Funzjonijiet. Fil-Parroċċa tagħna qed ikun hemm saċerdoti għad-dispożizzjoni tagħkom fil-konfessjonarji tal-Bażilika kull jum fil-għodu bejn is-7.00 u l-10.00 u fil-għaxija bejn l-4.30 u s-6.00 p.m. Nhar ta' Sibt sas-7.15 p.m. u nhar ta' Ħdud, fis-sagristija, il-ġurnata kollha.

### Parish Christmas Concert

Nhar is-Sibt, 21 ta' Diċembru, it-tfal tal-Parroċċa tagħna kif ukoll bosta atturi minn tagħna se jippreżentaw **Christmas Concert** sabiħ fit-Teatru Astra. Il-biljetti, li se jkunu bi prezz baxx ħafna, jistgħu jinkisbu mill-istess teatru.

### *NIFIRĦU LIL...*



**Kan. Onor. Mons. John Dimech** li ġie konferit mill-Gran Mastru Fra Andrew Bertie bil-Grad ta' Kappillan *ad honorem Gran Croce* ta' l-Ordni ta' San Gwann (SMOM).

# IBNI PRESEPJU ĠO QALBEK

Minn MONS SALV BORG

***Dawn il-ħsibijiet fuq l-ewwel presepju ta' Kristu juruna kif għandna nibnu l-presepju spiritwali għal Kristu f'qalbna. Nipprattikaw dawn l-istediniet ġurnata b'ġurnata matul il-jiem ta' Diċembru. B'hekk nagħmlu minn qalbna presepju denn għal Kristu.***

L-1 Jum: **L-Istalla**
Noffru qalbna lil Ġesù Bambin, nitolbuh jagħmilna daru.
*O Mulej Ġesù ħu lil qalbna u agħmilha twajba u safja.*

It-2 Jum: **Is-Saqaf**
Inqegħdu qalbna b'mod li Ġesù ikun imħares mix-xita u l-borra, billi nevitaw kull rimarka xejn karitattiva.
*O Mulej għallimni nħobb lill-ġirien kif inħobb lili nnifsi.*

It-3 Jum: **Xquq**
Ma nħallux ir-riħ u l-kesħa jinfdu. Inħarsu s-sensi tagħna mit-tentazzjonijiet, billi nrażżnu lil għajnejna u lil widnejna.
*O Mulej għinni nżomm it-tentazzjonijiet lil hinn minn qalbi.*

Ir-4 Jum: **Għanqbut**
Innaddfru kull għanqbuta. B'mod għaqli, inneħħu minn qalbna kull xewqa ta' foħrija mhix f'postha.
*O Ġesù, irrid nogħġbok f'dak kollu li nagħmel.*

Il-5 Jum: **Iċ-Ċint**
Nibnu ċint mal-presepju ta' qalbna, billi nżommu għassa stretta fuq għajnejna, speċjalment waqt it-talb.
*Helu Ġesù kemm ilni nixtieq li narak.*

Is-6 Jum: **Il-Maxtura**
Inħejju l-iżjed rokna sħuna ta' qalbna billi niċċaħdu minn dak kollu li jogħġobna.
*Mulej għinni nħejji ruħI għal tqarbina tajba.*

Is-7 Jum: **Huxlief**
Infornu lill-maxtura ta' qalbna bil-ħuxlief, billi nirbħu kull xewqa ħażina ta' kburija, għadab u għira.
*Mulej għallimni nkun naf sewwa u nsewwi n-nuqqasijiet tiegħi.*

It-8 Jum: **Tiben Artab**
Inqegħdu tiben artab fil-maxtura billi nwettqu għamejjel ckejkna ta' mortifikazzjoni.
*Għażiż Ġesù li soffrejt tant għalija, ħallini nsofri għalik.*

Id-9 Jum: **Il-Ħrieqi**
Inħejju l-ħrieqi għal Ġesù, billi l-pali ta' idejna nagħmluhom flimkien għat-talb u nitolbu bil-mod u bl-attenzjoni.
*Ġesù ħallini nħobbok iżjed u iżjed.*

L-10 Jum: **Il-Kutri**
Infornu l-maxtura b'kutri rotob u sħan, u nevitaw kliem iebes u nkurlat, Inkunu dħulin ma' kulħadd.
*Ġesù għinni nkun għaqli u dħuli ma' kulħadd.*

Il-11-il Jum: **iż-Żejt**
Inġibu ż-żejt għall-presepju ta' Ġesù. Inċedu l-fehmiet tagħna, nobdu bi ħbissima u mill-ewwel lis-superjuri tagħna.
*Ġesù ħalli nwettaq r-rieda tiegħek.*

It-12-il Jum: **L-Ilma**
Inġibu l-ilma frisk u nadif għall-maxtura. Nevitaw kull kelma b'oħra u kull għamil qarrieq.
*Għażiża Marija għinni jkolli ndiema sinċiera għal dnubieti.*

It-13-il Jum: **Il-Ħażniet**
Inġibu ħażniet ta' ikel għall-presepju billi niċċaħdu minn ikel, sigaretti, ħelu; speċjalment meta nħossuna bżonnhom.
*Ġesù kun is-saħħa tagħna u l-ikel tagħna.*

L-14-il Jum: **Id-Dawl**
Naraw li l-presepju jkollu dawl biżżejjed. Inkunu ordinati fil-persuna tagħna, f'kamritna u fi djarna.
*Ġesù kun il-ħajja u d-dawl ta' ruħi.*

Il-15-il Jum: **In-Nar**
Naraw li l-presepju ta' qalbna jkun msaħħan sew. Inkunu grati lejn Alla u lejn il-ġenituri tagħna ta' l-imħabba li jkunu wrewna.
*Ġesù kif nista' inroddlok l-imħabba tiegħek lejja?*

Is-16-il Jum: **Il-Barri**
Inressqu l-barri lejn il-presepju. Nobdu bil-ferħ bla ma nsibu skuża u bla nistaqsu 'għaliex'.
*Ġesù jiena nobdi għal imħabbtek.*

Is-17-il Jum: **Il-Ħmara**
Nieħdu l-ħmara lejn il-presepju, noffru lit-tfajjet divin is-saħħa kollha ta' ġisimna. Nużawha għall-qadi ta' l-oħrajn.
*Ġesù ilqa' s-servizz ta' imħabbti, Noffriħ għal dawk li ma jħobbukx.*

It-18-il Jum: **Rigali**
Niġbru r-rigali għal Ġesù u għal Ommu Marija. Nagħtu karita' lill-foqra. Ngħinu lil min hu fil-bżonn.
*Ġesù ejja ħalli taccetta r-rigali tiegħI u tmexxili 'l qalbi.*

Id-19-il Jum: **Ħrief**
Inħabirku kemm nifilħu ħalli nġibu l-ħrief ckejknin, umli u kalmi. Ma ngergrux u ma nilmentawx.
*Gesu' agħmel li s-sabar u l-umilta' ta' qalbi jkunu jixnħu lil tiegħek.*

L-20 Jum: **Ir-Rgħajja**
Nimitaw l-attenzjoni tagħhom, nisħqu fi kliemna u f'għemilna li l-Milied hu mportanti għax Kristu jitwieled mill-ġdid ġewwa fina.
*Ġesù għallimni nħobbok fuq kollox.*

Il-21 Jum: **Il-Muftieħ**
Inġibu l-muftieħ għall-istalla biex inħarsuha mill-ħallelin. Inkeccu minna kull ħsieb ħażin.
*Ġesù agħlaqli 'l qalbi għal kull ma jweġġa'.*

It-22 Jum: **San Ġużepp**
Nimxu ma' Ġużeppi minn bieb għall-bieb, bis-skiet u l-pacenzja nitażgħallmu minnu kif niccaħdu.
*San Ġużepp għinni nħejji ruħI għal Tqarbina xierqa fil-Milied.*

It-23 Jum: **Il-Verġni Marija**
Nitaqgħu ma' Marija fil-maxtura ta' qalbna u nitolbuha tqiegħed lil Binha Ġesù fiha.
*Ejja, għażiż Ġesù, ejja! Qalbi issa hija hija verament p r e s e p j u għalik.*



# *Riċensjoni:*

# AĠJOGRAFIJA ĠORĠJANA (1)

Matul ix-xahar ta' Lulju, meta l-Belt Victoria kienet qed tiċċelebra l-festa f'ġieħ San Ġorġ Megalomartri, Mons Dr. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet tal-Bażilika ddedikata lil dan it-Tribun tal-Kappadoċja, tana din il-pubblikazzjoni, l-ewwel minn fost tlieta dwar San Ġorġ. It-tieni ktieb ser jittratta r-riċerka dwar il-bidu u l-formazzjoni tal-kult tiegħu bejn is-seklu erbgħa u s-seklu tnax, waqt li t-tielet volum se jkun jiġbor fih studji ta' natura antropoloġika, teoloġika u spiritwali.

Mons Farrugia, li huwa wkoll għalliem tat-Teoloġija fl-Univesità ta' Malta u fis-Seminarju t'Għawdex, huwa awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet f'Malta u barra, u r-riċerka tiegħu tinkludi t-teoloġija tar-reliġjonijiet, l-antropoloġija u l-aġjografija.

Dan l-ewwel volum, stampat fuq karta fina għand Debono Print, Nadur, jippreżenta r-rakkont tal-ħajja tal-qaddis fil-qofol tiegħu kif issawwar fuq medda ta' 1700 sena u jinkludi d-daħla kritika li tista' tkun ta' għajnuna għall-qarrej. L-għejjun tar-rakkont huma t-tradizzjonijiet 'Ġorġjani' li għandhom għeruqhom fis-seklu erbgħa, u l-fidi nisranija li għaġnithom u tathom is-sura li għandhom illum. Ir-rakkont tal-ħajja ta' San Ġorġ hu taħlita ta' strorja, teoloġija u predikazzjoni, adatt biex jgħin lill-Insara jaraw fil-qaddis, mudell li jista' jħeġġiġhom jimxu b'passi aktar ħfief it-triq tal-qdusija.

Ta' min jgħid li San Ġorġ hu wieħed mill-qaddisin li art twelidna laqgħetu fl-imgħoddi mbiegħed, li niesna għadha tafu u tqimu b'imħabba. Il-parroċċi ddedikati lilu fil-Belt Victoria u f'Ħal-Qormi, huma bla dubju l-ikbar xhieda ta' dan. Hu minnu li ftit li xejn għandna tagħrif sod dwar dan il-Qaddis, imma mhux għal kollox! Ir-riċerka arkeoloġika u l-analiżi kritika tat-testi aġjografiċi jgħidulna wisq aktar milli naħsbu li nafu dwaru.

Dan l-ewwel volum huwa mżewwaq b'għadd ta' illustrazzjonijiet meħuda mill-pittura ta' Giovanni Battista Conti (1878-1971) li nsibu fil-Bażilika ta' San Ġorġ, kif ukoll indiċi u glossarju tajjeb ħafna. L-awtur jidher li




għamel użu minn diversi bijografiji magħrufa biex seta' joħroġ b'dan ix-xogħol li jiftaħ tieqa beraħ fuq qaddis popolari u maħbub saħansitra fir-Russja mbiegħda u fost il-Musulmani.

Huwa ttamat li ż-żewġ volumi li jmiss jaraw id-dawl ta' l-istampa qabel Lulju 2003 meta d-dinja kattolika tkun qed tfakkar is-sbatax-il mitt sena mill-mewt ta' San Ġorġ. Għawdex diġa beda jħejji għal dan l-avveniment storiku u mportanti. Festi kbar sa jsiru fil-Belt Victoria bejn April u Lulju tas-sena d-dieħla.

*Kav. Joe M. Attard*
Victoria

# ERĠAJNA MORNA LOURDES



Fl-ewwel ġranet ta' Awissu li għadda l-Parroċċa tagħna reġgħet organiżżat pellegrinaġġ ieħor għall-belt Marjana ta' Lourdes. Dan kien il-ħmistax-il pellegrinaġġ organiżżat mill-parroċċa tagħna. Konna 55 persuna u taħt it-tmexxija għaqlija ta' Mons Salv Borg kien pellegrinaġġ ieħor suċċess. Fis-sajf li ġej ukoll ser ikollna pellegrinaġġ ieħor u nittamaw li dan ukoll jirnexxi u min jieħu sehem joħroġ sodisfatt bħal mijiet ta' pellegrini li sa issa ġew magħna f'dawn l-aħħar tnax-il sena

# Rokna għat-Tfal



Għeżież Tfal,

Żgur li tħossukom ser ittiru bil-ferħ f'dawn il-ġranet sbieħ tal-Milied. Id-djar tagħkom jinsabu mżejnin għal din il-festa kbira. U għandi naħseb li fost it-tiżjin li għalmu l-mama u l-papa' tagħkom hemm ukoll il-presepju, li għandu jkun iċ-ċentru taż-tiżjin li jkollna fi djarna.

Matul in-Novena tal-Milied li fiha ħadtu sehem bi ħġarkom fil-Parroċċa tagħna, ippreparajna ruħna għal din il-festa. Żgur li l-ħlewwa ta' Ġesù Tarbija timla lil qlubkom bil-hena u ferħ. Pero' ma tridux tinsew, li diżgrazzjatament, anke fil-gżira ċkejkna tagħna, hawn familji li dan il-ferħ mhux ser iħossuh, minħabba xi inkwiet , mard jew xi ħaġa oħra li għadhom fil-familja. Tfal intom obbligati, li f'dawn il-jiem tiftakru f'dawn it-tfal li ma jistgħux jifirħu bħalkom u titolbu għalihom u għall-familji tagħhom, biex il-Bambin Ġesù jerġa jġig fihom dik il-paċI li ħabbaru l-anġli fil-lejl qaddis tal-Milied.

**VAGANZI**

Il-Milied iġib miegħu għalikom ukoll waqfa mill-iskola u mit-tagħlim fil-klassi. Ser terġgħu tidħlu lura l-iskola nhar it-Tlieta, 7 ta' Jannar tas-sena li ġejja. Sbatax-il ġurnata vaganza. Tfal, taħluhomx! Agħmlu ħilitkom biex minn dawn il-vaganzi tapprofittaw rwieħkom billi tirrevedu dak li għamiltu fl-ewwel xhur ta' din is-sena skolastika u ssibu ċans li taqraw xi żewġ kotba adattati għalikom skond l-eta' tagħkom.

iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd, jgħid il-qawl malti. Għalhekk għamlu ħilitkom li filwaqt li jkollkom ġranet ta' mistrieħ u ta' divertiment, taħlux il-ħin kollu f'affarijiet li għalkemm iferrħuk għall-ftit, jgħaddu malajr u ma tkun ħadt xejn minnhom. Barra minn dan, tajjeb ukoll inżidu, li matul il-vaganzi jkollkom iktar ħin biex tmorru tisimgħu quddiesa kuljum. Matul l-iskola, jidher li qed jonqos in-numru ta' tfal li jmorru quddiesa kuljum, imma issa, waqt il-vaganzi, għandkom tagħmlu dak kollu possibbli biex quddiesa kuljum ma titilfuhix.

Jien nawgura lilkom u lill-familji tagħkom Milied mimli ferħ qaddis u Sena Ġdida mfawwra b'dak kollu li tixtiequ.

*Iz-Ziju Peppi*

## KOMPETIZZJONI

***Wieġeb dawn il-mistoqsijiet u ibgħat it-tweġibiet sal-15 ta' Jannar 2003 lill-Editur, "Il-Belt Victoria", Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria Għawdex.***

**1.** Kemm ġranet fija n-Novena tal-Milied?

**2.** X'Kienu r-rigali tat-Tliet Maġi?

**3.** Lejn liema pajjiż ħarbu Marija u Ġużeppi bil-Bambin Ġesù?

**4.** X'Kien jismu r-Re li qatel ħafna tfal innoċenti fi żmien it-twelid ta' Ġesù?

Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni tal-Ħarġa ta' Lulju-Awissu 2002 hija: Georgianne Xerri, 19, St. Julian's Hospital Str., Fontana

# KRISTU HUWA MAGĦNA

## *Ma Naqtgħux qalbna*



Jiena it-triq,
tibżax li tintilef.

Jien il-verita'.
Tibżax mill-gideb.

Jien il-ħajja.
Tibżax mill-mewt.

Jiena d-dawl.
Tibżax mid-dlam.

Jien il-kelma.
Tibżax mis-silenzju.

Jien it-tama.
Tibżax mill-qtiegħ il-qalb.

Jien il-preżent.
Tibżax mill-futur.

Jien il-fqir.
Tibżax mill-faqar.

Jien id-dgħajjef.
Tibżax miċ-ċokon.

Jien bla saħħa.
Tibżax mill-mard.

Jien kissruni.
Tibżax taħfer.

Jien il-ħobż.
Tibżax tiekol.

Jien il-bieb.
Tibżax tidħol.

Jien sirt dnub.
Tibżax mill-maħfra,

Jien l-imħallef.
Tibżax mill-ġudizzju.

Jien miegħek.
Tibżax tkun waħdek.

Jien irxuxtajt.
Tibżax tmut għal ħutek.

Jien dak li Hu.
Tibżax minni.

Int u jien, flimkien, ser nirbħu l-biża'.
Int u jien, ser nibnu l- veru ħelsien.

# MEDITERRANEA

## L-Ewwel Edizzjoni Għaddiet – Nippreparaw bis-sħiħ għall-2003

Żgur li ħafna minkom il-qarrejja ta' *Il-Belt Victoria* innotajtu li matul l-aħħar ġimgħa ta' Novembru, kienet għaddejja attività kontinwa fit-Teatru Astra – attivita' li ġġib l-isem ta' *Mediterranea* u li fiha kienet tiġbor elementi mill-iktar importanti tal-kultura Maltija fil-kuntest ta' dik tal-Mediterran.



L-ewwel edizzjoni tal-festival *Mediterranea* kienet tiġbor fiha attivitajiet diversi, uħud minnhom organizzati għall-ewwel darba mit-Teatru Astra. Il-ġimgħa ta' attivitajiet bdiet permezz ta' żewġ rappreżentazzjonijiet ta' l-opra grandjuża ta' Giuseppe Verdi, *Un Ballo in Maschera*. Kompliet permezz ta' kunċert tal-pjanu mill-pjanista ta' fama internazzjonali Young-Choon Park, kunċert tal-banda mill-Banda Cittadina La Stella, lezzjoni u preżentazzjoni dwar it-tempji tal-Ġgantija minn, tista' tgħid, l-espert mondjali ta' l-arkeoloġija Maltija, il-Professur David Trump, kunċert ta' mużika etnika Maltija mill-grupp Malti ETNIKA u ikla tradizzjonali Maltija ppreparata minn ħadd ħlief Anton B. Dougall. Dawn l-aħħar attivitajiet, għalkemm ittellgħu ġewwa t-Teatru Astra, kienu oriġinarjament ippjanati sabiex iseħħu barra iżda t-temp ma tantx ippermetta f'dik il-ġurnata. Il-final grandjuż li ġab il-festival fi tmiemu seħħ permezz ta' eżekuzzjoni tar-*Requiem* u t-*Te Deum* ta' l-istess Giuseppe Verdi. Dan minbarra n-numru ta' żjajjar u *tours* iggwidati madwar Għawdex illi ħadet ħsieb torganizza l-għaqda kulturali Għawdxija, *Wirt Għawdex*.

U dan mhux kollox! Kellna wkoll għadd ta' attivitajiet li sejjaħnielhom *Med Fringe* – attivitajiet organizzati minn terzi persuni illi avviċinawna



sabiex jiġu nklużi fil-programm ta' *Mediterranea* saħansitra wara li l-programm propju, dak li elenkajt ħafif ħafif hawn fuq, kien ġie finalizzat. Inklużi ma' *Med Fringe* kellna premiere ufficcjali ta' dokumentarju dwar il-Ġebla tal-Ġeneral maħdum mill-istazzjoni tat-televiżjoni RAI, *puppet show* bl-isem ta' *In Suspension* imtella' mill-British Cultural Institute, serata ta' *ballet* mill-korp *Ballet Classique de Paris* flimkien ma' wirjiet ta' l-arti, skultura u fotografija mill-artisti Paul A. Stellini, Rebecca u Nicholette Vella, u Daniel Cilia kif ukoll Suq ta' l-Artiġġjanat organizzat mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex (*Gozo Business Chamber*).

Din l-ewwel edizzjoni ta' *Mediterranea* inżammet bejn it-22 u t-30 ta' Novembru 2002. Il-preparazzjonijiet għat-tieni edizzjoni, dik li se tinżamm bejn il-21 u t-28 ta' Novembru 2003, ilhom għaddejjin ġmielhom. It-*team* wara dan il-festival jittama illi s-sena d-dieħla nilħqu mhux biss il-livelli professjonali li lħaqna f'dawk li kienu l-eżekuzzjonijiet minnhom infushom imma wkoll niġbqu dawn l-istess livelli li saħansitra ġurnali lokali u dawk li attendew irrimarkaw għal kemm-il darba.



A&M Printing Ltd. - Qala - 2155 3217